KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ippreżentati fl-24 ta' Ottubru 2012[1]

**Kawża C-409/11**

**Gábor Csonka,**
**Tibor Isztli,**
**Dávid Juhász,**
**János Kiss,**
**Csaba Szontág**
**vs**
**Magyar Állam**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Bíróság (l-Ungerija)]

"Direttiva 72/166/KEE — Assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili tal-karozza — Insolvenza tal-assiguratur — Nuqqas ta' intervent tal-korp responsabbli mill-għoti ta' kumpens għad-danni kkawżati minn vettura li l-obbligu ta' assigurazzjoni tagħha ma jkunx ġie ssodisfatt — L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5/KEE — Effett dirett — Kundizzjonijiet għall-istabbiliment mill-individwi tar-responsabbiltà tal-Istat għat-traspożizzjoni inkorretta ta' direttiva"

1. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-assigurazzjoni obbligatorja għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi diġà hija s-suġġett ta' bosta kawżi. Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, provenjenti mill-Ungerija, illum qed jagħti l-possibbiltà lill-Qorti tal-Ġustizzja li teżamina aspett ġdid ta' din il-leġiżlazzjoni billi qajjem il-kwistjoni jekk, skont id-direttivi li ppreċedew id-Direttiva ta' kodifikazzjoni tal-2009[2], l-Istati Membri kellhomx jipprevedu l-intervent ta' korp responsabbli mill-għoti ta' kumpens lill-vittmi ta' danni kkawżati minn vettura koperta minn polza tal-assigurazzjoni ma' assiguratur insolventi, li ma jistax iwettaq l-obbligu tiegħu li jħallas.

## I – Il-kuntest ġuridiku

### A – *Id-dritt tal-Unjoni*

2. L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE, tal-24 ta' April 1972, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà[3] – l-ewwel direttiva li saret f'dan il-qasam li llum issostitwietha d-Direttiva 2009/103

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Id-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU L 263, p. 11).

3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 10.

– kien jipprovdi li "[k]ull Stat Membru għandu, soġġett għall-Artikolu 4, jieħu l-miżuri kollha approprjati biex jassigura li r-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi normalment ibbażati fit-territorju tiegħu ikun kopert minn assigurazzjoni. Il-limiti koperti tar-responsabbiltà u l-kondizzjonijiet tal-kopertura għandhom ikunu ddeterminati fuq il-bażi ta' dawn il-miżuri".

3. It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 84/5/KEE, tat-30 ta' Diċembru 1983, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur [4] (iktar 'il quddiem it-"Tieni Direttiva"), anki hija ssostitwita bid-Direttiva 2009/103, kellha l-għan li tarmonizza dan il-qasam.

4. Is-sitt premessa tad-Direttiva 84/5 kienet tistabbilixxi li "huwa neċessarju li ssir dispożizzjoni għall-korp li jiggarantixxi li l-vittma ma tibqax mingħajr kumpens meta l-vettura li kkaġunat l-inċident tkun mingħajr assigurazzjoni jew ma tkunx identifikata; billi huwa importanti, mingħajr ma jiġu emendati d-dispożizzjonijiet applikati mill-Istati Membri fir-rigward tan-natura sussidjarja jew non-sussidjarja tal-kumpens imħallas minn dak il-korp u tar-regoli applikabbli fir-rigward ta' subrogazzjoni [surroga], li jiġi previst li l-vittma ta' dan l-inċident għandha tkun tista' tapplika direttament lil dak il-korp bħala l-ewwel punt ta' kuntatt" u "billi, madanakollu, Stati Membri għandhom jingħataw il-possibiltà li japplikaw ċerti esklużjonijiet limitati fir-rigward ta' ħlas ta' kumpens minn dak il-korp u li jipprovdu li kumpens għal ħsara lil propjetà kkaġunata minn vettura mhux identifikata jista' jkun limitat jew eskluż bl-iskop tal-perikolu ta' frodi".

5. L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 84/5 kien jippreċiża li "[l]-assigurazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 72/166/KEE għandha tkopri b'obbligu kemm il-ħsara lill-proprjetà u kemm il-korrimenti personali".

6. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5 kien jipprevedi li "[k]ull Stat Membru għandu jistabilixxi jew jawtorizza korp li jkollu d-dover li jipprovdi kumpens, mill-anqas sal-limiti ta' l-obbligu ta' l-assigurazzjoni għal ħsara lill-proprjetà jew korrimenti personali ikkaġunati minn vettura mhux identifikata jew minn vettura li l-obbligu ta' asigurazzjoni tagħha previst fil-paragrafu 1 ma jkunx ġie sodisfatt. Din id-dispożizzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' kumpens minn dak il-korp bħala sussidjarju jew non-sussidjarju u għad-dritt ta' provvediment għas-sodisfazzjon ta' pretensjonijiet bejn dak il-korp u l-persuna jew persuni responsabbli għall-inċident u assiguraturi oħrajn jew korpi ta' sigurtà soċjali meħtieġa biex jikkumpensaw il-vittma fir-rigward ta' l-istess inċident".

7. It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5 kien jippreċiża li "[m]adanakollu, Stati Membri jistgħu jeskludu l-ħlas ta' kumpens minn dak il-korp fir-rigward ta' persuni li minn jeddhom daħlu fil-vettura li kkaġunat il-ħsara jew il-korriment meta il-korp jista' jipprova li kienu jafu li l-vettura ma kinitx assigurata".

8. L-Artikolu 2 tat-Tielet Direttiva tal-Kunsill 90/232/KEE, tal-14 ta' Mejju 1990, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur [5] (iktar 'il quddiem it-"Tielet Direttiva"), illum issostitwita bid-Direttiva 2009/103, kien jistabbilixxi li "[l]-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jassiguraw li l-poloz kollha ta' l-assigurazzjoni obbligatorja kontra r-responsabbiltà ċivili li toriġina mill-użu ta' vetturi [...] ikopru, fuq il-bażi ta' premium wieħed, it-territorju kollu tal-Komunità, [...]".

4 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 3.

5 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 249.

9. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 90/232 kien jipprevedi ż-żieda ta' sentenza oħra mat-test tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5, ifformulata kif ġej:

"B'dankollu, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-korp li jagħmel pagament ta' kumpens bil-kondizzjoni li l-vittma tistabbilixxi bi kwalunkwe mod li l-persuna responsabbli ma tkunx tista' jew tirrifjuta li tħallas."

B – *Id-dritt Ungeriż*

10. Skont l-Artikoli 14 u 15 tad-Digriet Governattiv Nru 190/2004 dwar l-assigurazzjoni obbligatorja kontra r-responsabbiltà ċivili tad-detenturi ta' vetturi bil-mutur (Korm. Rendelet a gépjármű üzembentartójának kötelező felelősségbiztosításról, iktar 'il quddiem id-"Digriet Governattiv Nru 190/2004"), il-Kártalanítási Számlát Kezelő MABISZ GKI (il-kont għall-għoti ta' kumpens tal-Federazzjoni tal-Assiguraturi Ungeriżi) jissostitwixxi l-awtur tad-dannu, għall-finijiet tal-għoti ta' kumpens lill-vittma, biss jekk dan ma jkollux assigurazzjoni obbligatorja kontra r-responsabbiltà ċivili fid-data tal-inċident, jekk id-detentur tal-vettura li tkun ikkawżat id-dannu ma jkunx magħruf jew jekk id-dannu jkun ġie kkawżat minn vettura li ma ntużatx jew li ma baqgħetx tintuża.

11. Il-Liġi Nru LXII tal-2009 dwar l-assigurazzjoni obbligatorja għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-karozzi (2009. évi LXII törnévy a kötelező gépjármű-felelősségbiztosításról, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar l-assigurazzjoni tal-karozzi"), li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010, ħassret id-Digriet Governattiv.

12. L-Artikolu 3(21) tal-Liġi dwar l-assigurazzjoni tal-karozzi jiddefinixxi l-fond għall-għoti ta' kumpens ("Kártalanítási Alap") stabbilit bħala l-"fond maħluq u ffinanzjat mill-assiguraturi [...] li jkopri l-għoti ta' kumpens għad-danni kkawżati mill-vettura li l-possessur tagħha jkollu, fid-data tal-inċident, polza tal-assigurazzjoni ma' assiguratur li fil-konfront tiegħu tkun inbdiet proċedura ta' insolvenza".

13. L-Artikolu 29(3) tal-Liġi dwar l-assigurazzjoni tal-karozzi jistabbilixxi li "[i]l-fond għall-għoti ta' kumpens ikopri l-kreditu li l-vittma tad-dannu jkollha fil-konfront tal-assiguratur li jkun suġġett għal proċedura ta' insolvenza, fid-dawl tal-modalitajiet previsti mill-polza tal-assigurazzjoni jew mil-liġi sabiex jiġu sostnuti d-drittijiet għal kumpens".

## II – Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

14. MAV Àltalános Biztosító Egyesület (iktar 'il quddiem "MAV" jew il-"kumpannija fil-kawża prinċipali") hija kumpannija tal-assigurazzjoni kkostitwita bħala assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru li kienet tipproponi lill-membri tagħha prodotti b'tariffi baxxi u bil-karatteristika partikolari li l-persuni assigurati ma' din il-kumpannija kienu jassumu wkoll obbligi bħala membri tal-assoċjazzjoni. Wara, b'mod partikolari, xi azzjonijiet kriminali, il-patrimonju tal-kumpannija involuta fil-kawża prinċipali għeb u l-imsemmija kumpannija saret insolventi. Minħabba li ma setax jerġa' jiġi stabbilit funzjonament konformi mar-rekwiżiti legali f'dan il-qasam minkejja 15-il ċitazzjoni, bejn l-2003 u l-2008, maħruġa mill-Pénzügyi Szervezetek Àllami Felügyelete (l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-Korpi Finanzjarji), din tal-aħħar irtirat, b'effett mill-15 ta' Awwissu 2008, l-awtorizzazzjoni tagħha lil MAV.

15. Mill-proċess jirriżulta li, bejn l-2006 u l-2008, Gábor Csonka, Tibor Isztli, Dávid Juhász, János Kiss u Csaba Szontág, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kkawżaw diversi danni lil persuni differenti bil-vetturi tagħhom. Huma lkoll kienu għamlu assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili tal-karozza ma' MAV li, fil-frattemp, kienet saret insolventi.

16. Minkejja li d-dritt Ungeriż, mill-1 ta’ Jannar 2010, jipprevedi protezzjoni għall-vittmi ta’ inċidenti kkawżati mill-klijenti ta’ kumpannija tal-assigurazzjoni li tkun saret insolventi, dan ma kienx il-każ fil-mument li seħħew l-inċidenti li kienu jinvolvu lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali. Għaldaqstant jirriżulta li dawn tal-aħħar huma obbligati li jwieġbu għad-danni li kkawżaw huma mill-patrimonju tagħhom stess minflok il-kumpannija tal-assigurazzjoni tagħhom [6].

17. Fid-dawl tal-fatt li, meta l-Istat Ungeriż ma ħax, qabel l-1 ta’ Jannar 2010, il-miżuri neċessarji sabiex jiggarantixxi l-intervent ta’ korp li jieħu r-responsabbiltà għall-kumpens f’każ li l-assiguratur tal-persuni responsabbli mid-danni kkawżati minn vettura bil-mutur ikun insolventi, huwa ma wettaqx l-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, b’mod partikolari mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 72/166, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentaw rikors quddiem il-qorti tar-rinviju sabiex tiġi kkonstatata r-responsabbiltà tal-Istat u jiksbu kumpens.

18. Huwa f’dawn iċ-ċirkustanzi li l-Fővárosi Bíróság iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u, b’deċiżjoni tar-rinviju li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta’ Awwissu 2011, tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin, abbażi tal-Artikolu 267 TFUE:

“(1) L-Istat Ungeriż, fiż-żmien tal-aġir dannuż tar-rikorrenti, kien implementa d-Direttiva 72/166/KEE, b’mod partikolari f’dak li jikkonċerna l-obbligi previsti fl-Artikolu 3 ta’ din l-istess direttiva, u din tista’ allura tiġi kkunsidrata li għandha effett dirett fil-konfront tar-rikorrenti?

(2) Id-dritt [tal-Unjoni] fis-seħħ jippermetti lil individwu li sofra dannu għad-drittijiet tiegħu minħabba n-nuqqas ta’ implementazzjoni mill-Istat tad-Direttiva 72/166/KEE li jeżiġi mill-Istat li naqas li dan jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta’ din id-direttiva billi jinvoka direttament kontra l-imsemmi Stat ir-regoli tad-dritt [tal-Unjoni] sabiex jikseb il-garanziji li dan kellu joffrilu abbażi ta’ dawn ir-regoli?

(3) Id-dritt [tal-Unjoni] fis-seħħ jippermetti lil individwu li sofra dannu għad-drittijiet tiegħu minħabba n-nuqqas ta’ implementazzjoni mill-Istat tad-Direttiva 72/166/KEE li jeżiġi ħlas ta’ danni min-naħa tal-Istat minħabba n-nuqqas tiegħu?

(4) F’każ ta’ risposta pożittiva għad-domandi preċedenti, ir-responsabbiltà tal-Istat Ungeriż għad-dannu mwettaq hija lejn ir-rikorrenti jew lejn il-vittmi tal-inċidenti tas-sewqan ipprovokati mir-rikorrenti? […]

(5) Ir-responsabbiltà tal-Istat tista’ tiġi kkontestata jekk id-dannu jirriżulta minn attività leġiżlattiva difettuża?

6) Id-Digriet tal-Gvern Nru 190/2004 […] fis-seħħ sal-1 ta’ Jannar 2010 […] huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 72/166/KEE, jew l-Ungerija naqset milli tittrasponi l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva fid-dritt Ungeriż?”

## III – Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19. Il-Gvern Ungeriż kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u għamlu l-osservazzjonijiet orali tagħhom waqt is-seduta tas-26 ta’ Settembru 2012.

6 — Il-Gvern Ungeriż ippreċiża, minn naħa, li l-kumpens għad-danni personali li għandu jingħata minn MAV diġà tħallas kollu u, min-naħa l-oħra, li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali taw kumpens parzjali, fuq inizjattiva tagħhom stess, lill-vittmi tad-danni materjali li kienu kkawżaw.

## IV – Analiżi ġuridika

20. Id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju essenzjalment għandhom l-għan li jiddeterminaw jekk (a) l-Istati Membri kellhomx, skont id-Direttiva 72/166, jipprevedu l-intervent ta' korp responsabbli mill-għoti ta' kumpens lill-vittmi ta' inċidenti kkawżati minn vetturi bil-mutur meta l-assiguratur tal-persuna responsabbli mill-inċident kien insolventi, u (b) il-kundizzjonijiet li fihom l-individwi jistgħu jfittxu lill-Istat Ungeriż għar-responsabbiltà li għandu għat-traspożizzjoni inkorretta tal-imsemmija direttiva.

21. Qabel xejn, għandu jiġi ppreċiżat li minkejja li d-Direttiva 72/166, id-Direttiva 84/5 u d-Direttiva 90/232 tħassru bid-Direttiva 2009/103, huma jifformaw il-kuntest ġuridiku rilevanti għal din il-kawża, fid-dawl tad-data meta qed jitqies li seħħew id-danni.

### A – *Fuq l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "vettura li l-obbligu ta' asigurazzjoni tagħha [...] ma jkunx ġie sodisfatt"*

22. Il-problema ġuridika prinċipali li qajjem dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari hija dik jekk l-obbligu impost fuq l-Istati Membri, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 72/166, jinkludix li dawn ikunu stabbilixxew mekkaniżmi li jiżguraw kumpens lill-vittmi ta' inċidenti tat-triq fil-każ speċifiku li l-persuna responsabbli mid-danni tkun tabilħaqq għamlet assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi imma ma' assiguratur insolventi. B'mod iktar preċiż, il-Qorti tal-Ġustizzja qed tintalab tiddeċiedi jekk il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għall-fatti tal-kawża prinċipali timponix fuq l-Istati Membri li jipprevedu, f'każ bħal dan, l-intervent tal-korp ta' garanzija li għandu jiġi stabbilit skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5.

23. Dan l-artikolu jipprevedi li għandu jiġi stabbilit korp sabiex jipprovdi kumpens għad-danni kkawżati minn "vettura li l-obbligu ta' asigurazzjoni tagħha previst [fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 84/5] ma jkunx ġie sodisfatt". Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jallegaw li din l-espressjoni għandha tiġi interpretata bħala li tirreferi wkoll għall-każ ta' vetturi li jkunu koperti minn assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili ma' assiguratur li jkun sar insolventi. Jekk jiġi interpretat b'dan il-mod, id-dritt tal-Unjoni jkun impona fuq l-Ungerija li tipprevedi l-intervent ta' korp responsabbli mill-għoti ta' kumpens lill-vittmi f'każ bħal dan fost il-miżuri approprjati li kellhom jittieħdu, fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 72/166, sabiex ir-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu tal-vetturi tkun koperta minn assigurazzjoni.

#### 1. Interpretazzjoni storika, litterali u teleoloġika

24. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma għandhomx jiġu kkunsidrati biss il-kliem tagħha imma wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni li minnha hija tagħmel parti [7].

25. F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat mill-ewwel li, anki jekk id-diċitura tad-domandi preliminari tirreferi biss għall-Artikolu 3 tad-Direttiva 72/166, dan l-artikolu jagħmel parti minn korp leġiżlattiv ferm ikbar, ikkaratterizzat mill-adozzjoni suċċessiva ta' numru ta' direttivi li kulma jmur kabbru l-portata tal-imsemmi Artikolu 3.

7 — Ara, fost ġurisprudenza abbundanti, is-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2009, Yaesu Europe (C-433/08, Ġabra p. I-11487, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26. Id-Direttiva 72/166 hija l-ewwel waħda li saret fis-settur. L-għan inizjali tagħha kien li ssaħħaħ il-moviment liberu tal-vetturi u tal-persuni abbord il-vetturi billi tipprevedi t-tneħħija tal-kontrolli tal-assigurazzjoni fil-fruntieri filwaqt li tiggarantixxi li l-vetturi fit-triq ikollhom tabilħaqq assigurazzjoni sabiex jiġu protetti l-interessi tal-persuni li setgħu jkunu vittmi ta' inċident ikkawżat minn dawn il-vetturi [8]. Għal dan il-għan, hija stabbilixxiet, fuq livell Komunitarju, l-obbligu ta' assigurazzjoni b'tali mod li l-vetturi kollha normalment ibbażati fit-territorju ta' Stat Membru tal-Komunità kellhom ikunu koperti minn assigurazzjoni. Dan huwa eżattament is-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 72/166, ifformulat b'termini ferm ġenerali u li, għandu jitfakkar, jeżiġi biss li "[k]ull Stat Membru għandu [...] jieħu l-miżuri kollha approprjati biex jassigura li r-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi normalment ibbażati fit-territorju tiegħu ikun kopert minn assigurazzjoni" [9]. B'hekk, mit-test ta' dak l-artikolu jirriżulta li l-għan tiegħu kien biss li jġiegħel lill-Istati Membri jistabbilixxu, fl-ordinament ġuridiku nazzjonali tagħhom, obbligu ġenerali ta' assigurazzjoni għall-vetturi, jiġifieri li jiżgura li kull proprjetarju jew detentur ta' vettura jittrasferixxi r-responsabbiltà ċivili tiegħu fir-rigward tal-vettura lil kumpannija tal-assigurazzjoni permezz ta' kuntratt.

27. Madankollu, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 72/166 għandu jinqara fid-dawl tal-preċiżazzjonijiet magħmula mid-direttivi sussegwenti, u b'mod partikolari mid-Direttiva 84/5, sabiex jiġu ddeterminati l-obbligi li għandhom l-Istati Membri meta jintalbu jieħdu l-*miżuri kollha approprjati* biex jiżguraw irwieħhom li r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi normalment ibbażati fit-territorju tagħhom tkun koperta minn assigurazzjoni.

28. Fil-fatt, fil-kuntest tal-attività tiegħu ta' armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet li, ħlief jekk jingħad mod ieħor, issir fuq livell minimu u tista' titwettaq b'mod gradwali, il-leġiżlatur tal-Unjoni intervjena diversi drabi sabiex jiddefinixxi u jippreċiża [10] l-iskema ġenerali tal-assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur. L-importanza mogħtija mil-leġiżlatur lis-sitwazzjoni tal-vittmi titfakkar b'mod kontinwu. B'hekk, id-Direttiva 84/5 kellha, b'mod partikolari, l-għan li tiggarantixxi li "[i]l-vittma ma tibqax mingħajr kumpens meta l-vettura li kkaġunat l-inċident tkun mingħajr assigurazzjoni jew ma tkunx identifikata" billi tipprevedi l-intervent ta' korp [11]. L-intervent ta' dan il-korp ma kienx intiż li jkun awtomatiku – għaliex ġie llimitat għal żewġ każijiet – u l-leġiżlatur kien ipprova sa ċertu punt u fl-istess ħin li pprova jipproteġi lill-vittmi, li jillimita l-piż finanzjarju li seta' jirrappreżenta l-intervent ta' dan il-korp [12], filwaqt li ħalla lill-Istati Membri l-possibbiltà li jieħdu miżuri iktar favorevoli preċiżament fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' intervent tal-imsemmi korp [13].

8 — Ara t-tieni u t-tielet premessi tad-Direttiva 72/166.

9 — Il-Gvern Ungeriż osserva, mingħajr ma ġie kkontradett, li l-verżjoni bl-Ungeriż tat-test tipprevedi b'mod iktar preċiż li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha approprjati sabiex il-vetturi *jkollhom* assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili.

10 — Ara l-Artikolu 1 tad-Direttiva 84/5.

11 — Ara s-sitt premessa tad-Direttiva 84/5.

12 — Ara t-tmien premessa tad-Direttiva 84/5.

13 — Ara s-sitt subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5.

29. Minn dan jirriżulta li, jekk wieħed jista' jiddeduċi, abbażi tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 84/5 li, fost dawk il-miżuri approprjati msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 72/166, hemm l-istabbiliment ta' korp "li jkollu d-dover li jipprovdi kumpens […] għal ħsara lill-proprjetà jew korrimenti personali" [14], l-intervent ta' dak il-korp kien espressament limitat għad-danni "ikkaġunati minn vettura mhux identifikata jew minn vettura li l-obbligu ta' asigurazzjoni tagħha previst fil-paragrafu 1 ma jkunx ġie sodisfatt" [15], u dan mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri "fir-rigward ta' kumpens minn dak il-korp bħala sussidjarju jew non-sussidjarju" [16].

30. Għandha wkoll tiġi eżaminata l-ħidma preparatorja għad-Direttiva 84/5. Minn din il-ħidma tirriżulta ċerta rieda tal-leġiżlatur li jillimita l-każijiet ta' intervent obbligatorju tal-korp li għandu jiġi stabbilit skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5 u li jiġi adottat sens strett tal-kunċett ta' "vettura li l-obbligu ta' asigurazzjoni tagħha [...] ma jkunx ġie sodisfatt". Fil-fatt, fil-proposta inizjali għad-Direttiva 84/5, ġie previst li vettura "mhux assigurata" [17] tiġi assimilata ma' vettura li tkun ikkawżat danni li, abbażi tal-liġi jew ta' klawżola kuntrattwali leċita, l-assiguratur kellu d-dritt li jirrifjuta li jħallas kumpens għalihom, proposta li, fl-aħħar mill-aħħar, ma ġietx adottata.

31. Minn dan l-iżvilupp notevoli mit-test tal-proposta għat-test finali tad-Direttiva 84/5 jistgħu jinġibdu żewġ gruppi ta' konklużjonijiet. Qabel xejn, jidher li, f'moħħ il-leġiżlatur, vettura li l-obbligu ta' assigurazzjoni tagħha ma jkunx ġie ssodisfatt [18] kienet ekwivalenti għal vettura mhux assigurata [19], li jikkonferma wkoll il-formulazzjoni tal-ħames subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5 [20]. It-tieni nett, huwa ċar li l-leġiżlatur tal-Unjoni rrestrinġa xjentement, fil-verżjoni finali tad-Direttiva 84/5, il-każijiet ta' intervent tal-korp li għandu jiġi stabbilit billi rrefera espressament, barra milli għall-każ ta' vettura mhux identifikata, biss għall-każ tal-"vettura li l-obbligu ta' assigurazzjoni tagħha previst fil-paragrafu 1 ma jkunx ġie sodisfatt", jiġifieri l-vettura li ma tkun koperta minn ebda kuntratt ta' assigurazzjoni. L-intervent tal-leġiżlatur fl-1983 juri li huwa ma kienx qed jikkonċepixxi l-Artikolu 3 tad-Direttiva 72/166 bħala klawżola ġenerali li tobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmu ta' garanzija.

32. Għandu jiġi nnotat li l-leġiżlatur ma kkuntentax ruħu li jipprevedi li l-korp kellu jintervjeni f'każ ta' danni kkawżati mill-vetturi li l-obbligu tal-assigurazzjoni tagħhom ma jkunx ġie ssodisfatt *b'mod ġenerali*, imma kkunsidra li kellu jiġi ppreċiżat li dan kellu jkun il-każ biss għad-danni kkawżati mill-vetturi li l-obbligu tal-assigurazzjoni tagħhom *previst fl-Artikolu 1(1)* tad-Direttiva 84/5 ma jkunx ġie ssodisfatt.

33. Dan jista' jiġi spjegat. Fil-fatt, peress li skont l-Artikolu 3 tad- Direttiva 72/166 – li għalih jirreferi l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 84/5 – l-Istati Membri għandhom l-obbligu li "jieħ[d]u l-miżuri kollha approprjati biex […] [i]r-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi normalment ibbażati fit-territorju [tagħhom] ikun kopert minn assigurazzjoni", is-sempliċi fatt li vettura mhux assigurata setgħet tikkawża danni, kienu x'kienu, jikkostitwixxi manifestazzjoni tal-falliment tal-Istat Membru

14 — L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5.

15 — L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5 jirreferi, fil-verżjoni bl-Ingliż, għal "vehicle for which the insurance obligation provided for in paragraph 1 has not been satisfied", fil-verżjoni bit-Taljan, għal "un veicolo […] per il quale non vi é sato adempimento dell'obbligo di assicurazione conformemente al paragrafo 1" u, fil-verżjoni bl-Ispanjol, għal "un vehículo […] por el cual no haya sido satisfecha la obligación de aseguramiento mencionada en el apratado 1". Il-verżjoni bil-Ġermaniż, ferm differenti, tirreferi għall-vetturi mhux assigurati ("Jeder Mitgliedstaat schafft eine Stelle oder erkennt eine Stelle an, die für Sach- oder Personenschäden, welche durch ein nicht ermitteltes oder nicht im Sinne des Absatzes 1 versichertes Fahrzeug verursacht worden sind, zumindest in den Grenzen der Versicherungspflicht Ersatz zu leisten hat").

16 — L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5.

17 — Ara l-Artikolu 2 tal-proposta għat-Tieni Direttiva tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU 1980 C 214, p. 10).

18 — Espressjoni użata fl-Artikolu 1(3) tal-proposta għat-Tieni Direttiva, li sar l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5.

19 — Espressjoni użata fl-Artikolu 2 tal-proposta għat-Tieni Direttiva, li fl-aħħar mill-aħħar ma nżammitx fil-verżjoni finali tad-Direttiva 84/5.

20 — Li jipprovdi li "[l-Istati Membri] [j]istgħu [...] jawtorizzaw, fil-każ ta' ħsara lill-proprjetà kkaġunata minn vettura *mhux assigurata* eċċess [...] li għalih il-vittma tista' tkun responsabbli" (enfasi miżjuda minni).

fil-missjoni tiegħu li jiggarantixxi li kull vettura jkollha assigurazzjoni[21]. B'mod ċertament ferm indirett, wieħed jista' jikkunsidra li, f'każ bħal dan, l-Istat Membru falla u għandu parti mir-responsabbiltà għas-sitwazzjoni li tinsab fiha l-vittma tad-danni kkważati minn vettura li l-obbligu tal-assigurazzjoni tagħha ma jkunx ġie ssodisfatt. Dan il-falliment tal-Istat għalhekk jiġġustifika l-intervent ta' korp responsabbli mill-għoti ta' kumpens lill-vittma.

34. Is-sitwazzjoni ta' persuna responsabbli mid-dannu li tkun tabilħaqq għamlet assigurazzjoni ma' assiguratur insolventi hija għalkollox differenti. Fl-aħħar mill-aħħar, din il-kawża tenfasizza d-differenza fundamentali bejn, min-naħa l-waħda, l-iskema ġenerali ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur kif ġiet gradwalment armonizzata fuq il-livell tal-Unjoni Ewropea u, mill-oħra, l-iskema ta' garanzija ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili, li jidhirli li, fil-parti l-kbira, għad trid tissawwar[22].

35. F'dawn il-kundizzjonijiet, naħseb li huwa diffiċli li tiġi sostnuta interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 72/166 li tmur fis-sens mixtieq mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali. It-test jimponi tabilħaqq li l-Istati Membri "jieħ[d]u l-miżuri kollha approprjati biex jassigura[w] li r-responsabbiltà ċivili [...] [tkun] koperta minn assigurazzjoni", u mhux li jieħdu l-miżuri kollha approprjati sabiex jiggarantixxu r-responsabbiltà ċivili koperta minn assigurazzjoni[23]. Il-kwalifika hija konsiderevoli u l-interpretazzjoni ssuġġerita mill-imsemmija rikorrenti jidhirli li ġġebbed wisq, sad-deformazzjoni, l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni, meta s-silenzju ta' dan tal-aħħar dwar il-każ tal-assiguratur insolventi jidhirli li tirrifletti iktar l-eżitazzjonijiet tal-Istati Membri li jistabbilixxu dritt ferm ikbar għall-għoti ta' kumpens mill-korp, fid-dawl tal-effetti finanzjarji tiegħu li kif ingħad iktar 'il fuq kienu wkoll qed iħassbu lill-imsemmi leġiżlatur.

36. Wara d-Direttiva 84/5, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam ma żviluppatx f'sens differenti. Bl-adozzjoni tad-Direttiva 90/232, il-leġiżlatur tal-Unjoni kompla jafferma l-għan li "[i]l-vittmi ta' l-aċċidenti bil-vetturi tal-mutur għandhom ikunu ggarantiti trattament komparabbli irrispettivament ta' fejn fil-Komunità jseħħu l-aċċidenti"[24]. B'dan il-mod, huwa tabilħaqq kabbar il-protezzjoni għall-kategorija ta' persuni magħmula minn passiġġieri oħrajn għajr is-sewwieq[25] u biż-żieda ta' sentenza mal-ewwel subparagafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5, ipprojbixxa li l-Istati Membri jissuġġettaw il-ħlas mill-korp "[għall]-kondizzjoni li l-vittma tistabbilixxi bi kwalunkwe mod li l-persuna responsabbli ma tkunx tista' jew tirrifjuta li tħallas"[26]. Ma jingħad xejn dwar il-kwistjoni tal-assiguratur insolventi.

21 — Naturalment, bla ħsara għall-każijiet speċifiċi msemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 72/166 u li l-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva jirreferi espliċitament għalihom.

22 — F'dan ir-rigward, kemm il-Gvern Ungeriż kif ukoll il-Kummissjoni semmew il-White Paper tal-Kummissjoni, tat-12 ta' Lulju 2010, dwar l-Iskemi ta' Garanzija tal-Assigurazzjoni [COM(2010) 370 finali]. Fil-White Paper, l-iskemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni jiġu ddefiniti bħala li joffru "l-aħħar ċans ta' protezzjoni lill-konsumaturi meta l-impriżi tal-assigurazzjoni ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-impenji kuntrattwali tagħhom" u bħala li jipproteġu "lin-nies kontra r-riskju li l-pretensjonijiet tagħhom ma jkunux ssodisfati jekk il-kumpanija tagħhom tal-assigurazzjoni ssir insolventi". Il-Kummissjoni tosserva, li mit-30 pajjiż tal-Unjoni u taż-Żona Ekonomika Ewropea, tnax biss minnhom għandhom skema ġenerali ta' garanzija tal-assigurazzjonijiet u 56 % mill-assigurazzjoni mhux tal-ħajja kollha ma humiex protetti (ara l-White Paper dwar l-Iskemi ta' Garanzija tal-Assigurazzjoni, p. 1). Il-Kummissjoni għalhekk tirrakkomanda li "jkun stabbilit, fuq livell tal-UE, qafas ta' ħidma koerenti u legalment vinkolanti dwar il-protezzjoni [tal-Iskemi ta' Garanzija tal-Assigurazzjoni], applikabbli għad-detenturi ta' polza u għall-benefiċjarji kollha, permezz ta' direttiva hekk kif definita fl-Artikolu 288 tat-TFUE". Barra minn hekk, waqt is-seduta, il-Kummissjoni affermat li hija qatt ma tat bidu għal proċedura għal nuqqas ta' Stat Membru li jwettaq obbligu minħabba n-nuqqas ta' intervent ta' korp ta' garanzija f'każ ta' insolvenza ta' assiguratur għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu tal-vetturi.

23 — Din il-konstatazzjoni lanqas ma ġiet ikkontradetta mid-diċitura tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 90/232 li jipprovdi li "[l]-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jassiguraw li l-poloz kollha ta' l-assigurazzjoni obbligatorja kontra r-responsabbiltà ċivili li toriġina mill-użu ta' vetturi [...] tiggarantixxi, fuq l-istess bażi ta' l-istess premium wieħed, f'kull Stat Membru, il-kopert[ur]a meħtieġa mil-liġi tiegħu" li hawnhekk, għal darba oħra, jirreferi għall-kundizzjonijiet li fihom l-Istati Membri għandhom jorganizzaw l-assigurazzjoni obbligatorja imma ma jipprevedix, bħala tali, li l-poloz tal-assigurazzjoni għandhom *jiġu ggarantiti*.

24 — Ara r-raba' premessa tad-Direttiva 90/232.

25 — Ara l-Artikolu 1 tad-Direttiva 90/232.

26 — Artikolu 3 tad-Direttiva 90/232.

37. Għaldaqstant, fl-ebda mument, fit-testi tad-direttivi differenti li jifformaw il-kuntest ġuridiku rilevanti għal din il-kawża, ma jissemma l-każ ta' meta l-assiguratur ikun insolventi. Għandu jiġi osservat li saħansitra t-test tad-Direttiva 2009/103, fejn id-dispożizzjonijiet inklużi fid-direttivi preċedenti dwar l-assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi, ġew irriformulati f'test wieħed u kkonsolidat bla ebda modifikazzjoni tal-kontenut, ma jinkludix iktar preċiżazzjonijiet f'dan ir-rigward. L-għan ta' dik id-direttiva baqa' dak li "[t]iggarantixxi li l-vittma ma tibqax mingħajr kumpens meta l-vettura li tkun ikkaġunat l-inċident ma tkunx koperta b'assigurazzjoni" [27] filwaqt li tħalli l-possibbiltà li l-Istati Membri japplikaw ċerti esklużjonijiet limitati fir-rigward tal-intervent tal-korp [28].

38. Għaldaqstant, dak li jista' jidher, meta ġew adottati d-Direttiva 72/166, id-Direttiva 84/5 u d-Direttiva 90/232, bħala nuqqas ta' antiċipazzjoni min-naħa tal-leġiżlatur fir-rigward tal-problematika tal-insolvenza diffiċilment seta' jibqa' jitqies b'dan il-mod meta ġiet adottata d-Direttiva 2009/103. Fil-fatt, il-leġiżlatur tal-Unjoni, fil-frattemp, adotta ċertu numru ta' miżuri, li f'oqsma ferm differenti, jipprevedu b'mod espliċitu l-kwistjoni tal-insolvenza tal-fornitur [29]. Għandu jiġi kkonstatat li dan ma għamlux fil-qasam tal-assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu tal-vetturi.

## 2. Interpretazzjoni tal-ġurisprudenza

39. Il-konklużjoni li jiena wasalt għaliha abbażi ta' interpretazzjoni storika, litterali u teleoloġika ma hijiex ikkontradetta minn xi elementi ta' interpetazzjoni pprovduti mill-Qorti tal-Ġustizzja li jistgħu jservu għal din il-kawża.

40. Huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma kellha l-okkażjoni li tagħti deċiżjoni direttament dwar il-problema interpretattiva mqajma minn dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari. Madankollu, hija kemm-il darba u f'diversi kuntesti, interpretat id-direttivi dwar l-obbligu tal-assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu tal-vetturi. Hija fakkret, bosta drabi, li "leġiżlazzjoni tal-Unjoni [...] hija intiża li tassigura l-moviment liberu kemm ta' vetturi normalment ibbażati fit-territorju tal-Unjoni kif ukoll ta' persuni li jivvjaġġaw f'tali vetturi kif ukoll li tiggarantixxi li l-vittmi ta' inċidenti kkawżati minn dawn il-vetturi jibbenefikaw minn trattament paragunabbli, indipendentement mit-territorju tal-Unjoni fejn seħħ l-inċident" [30], biex b'hekk ipparafrażat il-preambolu tad-Direttiva 72/166. B'mod iktar speċifiku, hija interpretat l-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva bħala li "jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jiggarantixxu li r-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' vetturi normalment ibbażati fit-territorju tagħhom tkun koperta minn assigurazzjoni u jippreċiża, b'mod partikolari, it-tipi ta' danni u t-terzi li jkunu sfaw vittmi li għandha tkopri din l-assigurazzjoni" [31].

27 — Ara l-premessa 14 tad-Direttiva 2009/103.

28 — *Idem.*

29 — Is-solvenza tal-impriża tal-assigurazzjoni b'hekk hija ċentrali għall-Ewwel Direttiva tal-Kunsill [73/239/KEE], tal-24 ta' Lulju 1973, dwar il-koordinament ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrigwardaw il-bidu u t-twettiq tan-negozju tal-assigurazzjoni diretta barra mill-assigurazzjoni tal-ħajja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 14), li saret applikabbli għas-settur tal-assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' vetturi bil-mutur bid-Direttiva 90/618/KEE, tat-8 ta' Novembru 1990 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 252). Tista' ssir ukoll referenza, pereżempju, għall-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE, tat-13 ta' Ġunju 1990, dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 10, p. 132) kif ukoll għall-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE, tal-10 ta' Mejju 1993, dwar servizzi ta' investiment fil-qasam ta' titoli (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 43).

30 — Sentenza tal-1 ta' Diċembru 2011, Churchill Insurance Company Limited u Evans (C-442/10, Ġabra p. I-12639, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 — *Ibidem* (punt 28).

41. Fis-sentenza Evans[32], il-Qorti tal-Ġustizzja tat il-bidu ta' interpretazzjoni tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5 billi affermat li fir-rigward ta' vettura insuffiċjentement assigurata[33], "anki jekk il-vittma tista' tidentifika lill-konvenut sabiex tippreżenta proċeduri legali kontra tiegħu, hemm ir-riskju li tali azzjoni tista' ta' spiss tkun inutli għaliex il-konvenut ma jkollux il-mezzi finanzjarji neċessarji sabiex jeżegwixxi s-sentenza mogħtija kontra tiegħu" [traduzzjoni mhux uffiċjali][34] u kien sabiex jiġu indirizzati din ix-xorta ta' sitwazzjonijiet li ġie ordnat l-istabbiliment ta' korp fid-Direttiva 84/5. Imma billi dik il-kawża prinċipali kienet tirrigwarda l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kumpens għad-danni kkawżati minn vettura mhux identifikata, il-Qorti tal-Ġustizzja ma analizzatx f'iktar dettall il-każ ta' vettura li "l-obbligu ta' asigurazzjoni tagħha [...] ma jkunx ġie sodisfatt".

42. Kien biss bis-sentenza Churchill Insurance Company u Evans, iċċitata iktar 'il fuq, li l-Qorti tal-Ġustizzja siltet element interpretattiv ġdid ta' dan il-kunċett. Hija osservat, b'referenza għall-kuntest tal-imsemmija sentenza li, "[i]s-sitwazzjoni li fiha l-vettura li kkawżat id-dannu kienet misjuqa minn persuna li ma kellhiex assigurazzjoni […] filwaqt li sewwieq kellu assigurazzjoni sabiex isuq tali vettura, u dik imsemmija mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tat-Tieni Direttiva, li fiha l-vettura li tat lok għall-inċident ma kienet *koperta b'ebda polza ta' assigurazzjoni*, la huma sitwazzjonijiet simili u lanqas paragunabbli"[35]. Hija kkonstatat ukoll li "l-intervent tal-korp nazzjonali huwa maħsub bħala miżura tal-aħħar rikors" previst biss f'żewġ każijiet[36] u kkonfermat li, "minkejja l-għan ġenerali ta' protezzjoni tal-vittmi mfittex mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni […], il-leġiżlatur tal-Unjoni ppermetta lill-Istati Membri jeskludu l-intervent ta' dan il-korp f'ċerti limiti"[37].

3. Osservazzjonijiet finali

43. Mill-analiżi kollha preċedenti jirriżulta li l-ebda indikazzjoni testwali espliċita ma tagħti lok li jiġi affermat l-obbligu ta' intervent tal-korp f'każ li l-assiguratur tal-persuna responsabbli jkun insolventi. L-analiżi tat-testi kif ukoll l-iżvilupp tagħhom, minkejja li jixhdu, tabilħaqq, tħassib kostanti li jiġu protetti l-vittmi, jenfasizzaw ukoll li din il-preokupazzjoni ġiet regolarment ibbilanċjata bil-piż finanzjarju li jirrappreżenta l-intervent ta' korp bħal dak previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5, b'tali mod li, anki llum, l-imsemmi korp huwa obbligat jintervjeni biss f'żewġ każijiet speċifiċi u l-Istati Membri għad għandhom il-possibbiltà li jillimitaw dan l-intervent.

44. Nixtieq ukoll nisħaq, fl-aħħar nett, fuq id-differenza importanti li hemm, fil-fehma tiegħi, bejn vettura li l-obbligu ta' assigurazzjoni tagħha ma jkunx ġie sodisfatt kif deskritt fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 72/166 u vettura assigurata ma' assiguratur insolventi. Fil-fatt, vettura li l-obbligu ta' assigurazzjoni tagħha ma jkunx ġie ssodisfatt hija vettura mhux assigurata. Fil-każ ta' vettura li ġiet assigurata ma' assiguratur insolventi, l-obbligu ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu tal-vetturi effettivament twettaq. Il-kopertura tar-riskju hija reali imma l-kumpens għad-danni jdum ma jingħata minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-assiguratur.

45. Din id-differenza fundamentali tista' tiġi spjegata kif ġej.

32 — Sentenza tal-4 ta' Diċembru 2003 (C-63/01, Ġabra p. I-14447).

33 — Espressjoni li, fatt kurjuż, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-kuntest ta' din is-sentenza, li hija sinonima għal dik użata fit-test tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5, jiġifieri ta' "vettura li l-obbligu ta' asigurazzjoni tagħha previst fil-paragrafu 1 ma jkunx ġie sodisfatt" [ara s-sentenza Evans, iċċitata iktar 'il fuq (punt 20)].

34 — Sentenza Evans, iċċitata iktar 'il fuq (punt 23).

35 — Sentenza Churchill Insurance Company u Evans, iċċitata iktar 'il fuq (punt 40). Enfasi miżjuda minni. Għat-test tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(4), tad-Direttiva 84/5, ara l-punt 7 ta' dawn il-konklużjonijiet.

36 — Sentenza Churchill Insurance Company u Evans, iċċitata iktar 'il fuq (punt 41).

37 — *Ibidem* (punt 42).

46. Fl-ewwel każ – in-nuqqas ta' assigurazzjoni – ir-relazzjoni ġuridika hija waħda bilaterali u diretta bejn il-vittma u l-persuna responsabbli. F'din is-sitwazzjoni partikolari, il-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda b'mod espliċitu l-intervent tal-korp sabiex il-vittma tingħata kumpens, b'mod partikolari minħabba l-fatt li każ bħal dan jirrigwarda żewġ partijiet "dgħajfin".

47. Fit-tieni każ – assigurazzjoni ma' assiguratur insolventi – ir-relazzjoni ġuridika ssir waħda triangolari u tirrigwarda, minbarra l-persuna responsabbli u l-vittma tad-dannu, professjonista li l-attività tiegħu taqa' wkoll f'sistema legali iktar kumplessa fejn hija involuta, b'mod partikolari, il-leġiżlazzjoni dwar il-qasam prudenzjali. Għalhekk, ma huwiex eskluż li jkun hemm rimedji legali speċifiċi oħrajn sabiex jingħata kumpens [38] li allura jagħmlu l-intervent tal-korp inqas neċessarju.

48. Fl-aħħar nett, tali intepretazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni hija, għandu jitfakkar, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà rikonoxxuta lill-Istati Membri li jieħdu miżuri iktar favorevoli għall-vittmi. Issa, kif osserva l-Gvern Ungeriż, l-Alkotmánybíróság (il-Qorti Kostituzzjonali) tat deċiżjoni, fit-8 ta' Novembru 2011 [39], fejn hija kkunsidrat li l-leġiżlatur Ungeriż ma kienx stabbilixxa l-garanziji neċessarji għall-funzjonament tajjeb tal-kumpanniji ta' assigurazzjoni mutwali – il-forma li biha ġiet ikkostitwita MAV – u li kiser il-Kostituzzjoni b'ommissjoni meta naqas milli jadotta miżuri xierqa sabiex tiġi żgurata l-possibbiltà li jiġu sostnuti drittijiet ibbażati fuq poloz ta' assigurazzjoni obbligatorja tal-karozzi ma' assiguratur li kien suġġett għal proċedura ta' insolvenza mibdija qabel l-1 ta' Jannar 2010.

49. Għar-raġunijiet preċedenti kollha, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 72/166 u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5 ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li l-korp stabbilit fuq il-livell nazzjonali abbażi tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5 ma jkunx obbligat jintervjeni f'każ ta' danni kkawżati minn vettura koperta minn polza tal-assigurazzjoni magħmula ma' assiguratur insolventi.

## B – *Fuq is-sitt domanda*

50. Il-qorti tar-rinviju qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tieħu pożizzjoni dwar jekk id-Digriet Governattiv Nru 190/2004 huwiex konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 72/166.

51. F'dan ir-rigward, għandha titfakkar ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeċiedi, fil-kuntest tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari, dwar il-kompatibbiltà ta' dispożizzjonijiet legali nazzjonali mad-dispożizzjonijiet legali tal-Unjoni, billi l-Qorti tal-Ġustizzja tillimita l-eżami tagħha għad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni filwaqt li tinterpretahom b'mod li jkun utli għall-qorti tar-rinviju, li min-naħa tagħha għandha tevalwa, *in fine*, il-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni mad-dritt tal-Unjoni sabiex tiddeċiedi l-kawża prinċipali pendenti quddiemha [40].

38 — Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu u waqt is-seduta, il-Gvern Ungeriż sostna b'mod partikolari li d-djun tal-assiguratur insolventi jistgħu jkunu parzjalment irkuprati waqt il-likwidazzjoni.

39 — Deċiżjoni Nru 83/2001 (XI.10).

40 — Sentenza tal-15 ta' Lulju 2010, Pannon Gép Centrum (C-368/09, Ġabra p. I-7467, punti 28 u 29 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

C – *Fuq il-kwistjoni tal-effett dirett u tal-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Istat għal traspożizzjoni inkorretta ta' direttiva*

52. Fid-dawl tal-interpretazzjoni li qed nissuġġerixxi li tadotta l-Qorti tal-Ġustizzja, nikkunsidra li ma hemmx lok li tingħata risposta lid-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju dwar ir-rikonoxximent tal-effett dirett u l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Istat Ungeriż għal traspożizzjoni inkorretta tad-Direttiva 72/166. Huwa biss b'mod għalkollox sussidarju li ser nindirizza fil-qosor dawn id-domandi.

53. Qabel xejn, dwar l-obbligu li jiġi stabbilit korp responsabbli mill-għoti ta' kumpens għad-danni kkawżati minn vettura li l-obbligu ta' assigurazzjoni tagħha previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5 ma jkunx ġie ssodisfatt, nikkunsidra li d-domandi dwar l-effett dirett u dwar l-istabbiliment eventwali tar-responsabbiltà tal-Istat Ungeriż kif saru mill-qorti tar-rinviju għandhom jingħataw orjentazzjoni ġdida bħala li jirrigwardaw id-Direttiva 84/5.

54. Barra minn hekk, jista' jkun utli li jitfakkar li l-kwistjoni tal-effett dirett ta' dispożizzjoni inkluża f'direttiva hija distinta mill-kwistjoni tal-kundizzjonijiet li fihom ir-responsabbiltà ta' Stat Membru għal ksur tad-dritt tal-Unjoni għandha tkun tista' titressaq quddiem il-qrati nazzjonali [41].

55. B'hekk, min-naħa l-waħda, għandu jiġi ddeterminat jekk, fil-kuntest ta' kawża partikolari, l-individwi jistgħux jinvokaw kontra l-Istat [42] id-dispożizzjoni tad-direttiva li ma tkunx ġiet trasposta jew li tkun ġiet trasposta b'mod inkorrett, jekk ikun il-każ sabiex titwaqqaf l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali opposta u biex tiġi ssostitwita. Minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li dispożizzjoni ta' direttiva jkollha effett dirett "jekk hija tidher, mill-perspettiva tal-kontenut tagħha, inkundizzjonali u suffiċjentement preċiża" [43]. Il-kwistjoni għalhekk hija jekk l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5 jagħtix suffiċjentement il-possibbiltà li jiġu identifikati l-benefiċjarji tal-obbligu stabbilit minnu u l-portata tal-missjoni tal-korp li għandu jiġi stabbilit. L-imsemmi artikolu jinkludi referenza indiretta għall-Artikolu 3 tad-Direttiva 72/166 li, min-naħa tagħha, tħalli ċerta setgħa diskrezzjonali lill-Istati Membri dwar il-mod li bih jorganizzaw l-iskema ta' assigurazzjoni obbligatorja; madankollu, din is-setgħa diskrezzjonali hija biss proċedurali jew organizzattiva [44] u la tirrigwarda s-sustanza tal-assigurazzjoni obbligatorja u lanqas il-każijiet fejn il-korp bilfors għandu jintervjeni [45]. B'hekk dik ir-referenza ma hijiex, minnha nfisha, ostakolu għar-rikonoxximent tal-effett dirett tad-dispożizzjoni inkwistjoni.

56. Barra minn hekk, peress li din il-kawża tirrigwarda kumpens għad-danni kkawżati, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5 għandu tabilħaqq it-tendenza li jiggarantixxi d-drittijiet tal-vittmi ta' dawn id-danni li b'hekk jidhru bħala l-benefiċjarji tal-imsemmi artikolu. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5 jikkonferma dan billi jipprevedi espliċitament anki li "[i]l-vittma tista' [...] tapplika direttament lill-korp li [...] għandu jkun obbligat li jagħtih tweġiba raġunata rigward il-ħlas ta' kull kumpens".

57. F'dawn il-kundizzjonijiet, jista' jiġi rrikonoxxut li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5 għandu effett dirett.

41 — Nixtieq nippreċiża wkoll, jekk hemm għalfejn, li l-fatt li jiġi ddeterminat jekk l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5 jistax jiġi kkunsidrat bħala li għandu effett dirett huwa mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni jekk ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali għandhomx id-dritt li jinvokawh quddiem il-qorti tar-rinviju.

42 — Sentenza tad-19 ta' April 2007, Farrell (C-356/05, Ġabra p. I-3067, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 — *Ibidem* (punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 — Għal evalwazzjoni konsistenti, ara l-punt 64 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Stix-Hackl ippreżentati fil-5 ta' Ottubru 2006 fil-kawża li tat lok għas-sentenza Farrell, iċċitata iktar 'il fuq.

45 — L-istess japplika għall-possibbiltà li tħalliet lill-Istati Membri fir-rigward ta' kumpens mill-korp bħala sussidjarju jew mhux sussidjarju jew li jiġu ssodisfatti l-pretensjonijiet bejn dak il-korp u l-assiguraturi: dawn iż-żewġ elementi li tħallew għad-diskrezzjoni tal-Istat ma għandhomx l-effett li jtaffu l-obbligu definittiv li jiġi stabbilit korp responsabbli mill-għoti ta' kumpens fil-każijiet previsti mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

58. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-responsabbiltà tal-Istat Ungeriż, il-kwistjoni hija jekk in-nuqqas ta' azzjoni jew l-azzjoni mhux xierqa tal-Istat Membru jistax jagħti dritt għal kumpens lill-individwi li b'hekk iċċaħħdu mid-drittijiet li tagħtihom id-Direttiva quddiem il-qrati nazzjonali.

59. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' Stat Membru għad-danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lill-Istat Membru huwa inerenti fis-sistema tat-Trattat [46].

60. It-talba għal deċiżjoni preliminari donnha tirreferi għal ġurisprudenza nazzjonali li tgħid li l-individwi ma jistgħux jinvokaw validament nuqqas tal-leġiżlatur fir-rikorsi għal kumpens għad-danni meta d-danni jkunu imputabbli lill-attività tal-leġiżlatur jew lil nuqqas tiegħu [47].Għaldaqstant, għandu jitfakkar li l-prinċipju tar-responsabbiltà tal-Istat għad-danni kkawżati lill-individwi bi ksur tad-dritt tal-Unjoni li huwa imputabbli lill-Istat "huwa validu għal kull każ ta' ksur tad-dritt [tal-Unjoni] minn Stat Membru u jkun xi jkun il-korp tal-Istat Membru li l-azzjoni tiegħu jew l-omissjoni tiegħu tat lok għan-nuqqas. [...] [I]ċ-ċirkustanza li n-nuqqas ikkontestat huwa, fid-dawl tar-regoli nazzjonali, imputabbli lil-leġiżlatur nazzjonali ma hijiex tali li tqiegħed f'dubju r-rekwiżiti inerenti fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-individwi li jinvokaw id-dritt [tal-Unjoni] u, f'dan il-każ, id-dritt li jiksbu kumpens għad-danni kkawżati mill-imsemmi nuqqas quddiem il-qrati nazzjonali" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [48].

61. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet li fihom Stat Membru huwa obbligat li jagħti kumpens għad-danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lilu, mill-ġurisprudenza jirriżulta li dawn huma tlieta, "jiġifieri, li d-dispożizzjoni legali li ma ġietx osservata għandha bħala għan li tikkonferixxi drittijiet lill-individwi, li l-ksur ikun suffiċjentement gravi u li teżisti rabta kawżali diretta bejn il-ksur tal-obbligu impost fuq l-Istat u d-dannu li sofriet il-persuna kkonċernata" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [49].

62. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5 jagħti lill-individwi d-dritt li jeżiġu l-intervent tal-korp fiż-żewġ każijiet espliċitament imsemmija fih.

63. Sussegwentement, għandha tkun il-qorti tar-rinviju li tiddetermina jekk it-traspożizzjoni inkorretta tad-Direttiva 84/5 li għamel l-Istat Ungeriż ikkawżatx dannu lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali li huwa marbut direttament mal-ksur tal-obbligu tad-dispożizzjoni tal-Unjoni. Fl-analiżi tagħha, il-qorti tar-rinviju għandha, b'mod partikolari, tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma humiex il-vittmi tad-danni imma dawk li kkawżawhom u għandha tistaqsi x'kien l-oriġini tad-dannu, li jista' jkun ukoll fl-aġir frawdolenti tal-assiguratur. Hija għandha wkoll tiċċara l-kwistjoni jekk humiex tabilħaqq obbligati, abbażi tad-dritt Ungeriż, li jħallsu mill-patrimonju tagħhom stess il-kumpens għad-danni li kkawżaw huma, kumpens li ma jistax jitħallas mill-assiguratur tagħhom minħabba l-insolvenza tiegħu.

64. Jekk il-qorti tar-rinviju tikkonkludi li kien hemm dannu, hija jkollha tistabblixxi wkoll jekk l-imsemmi ksur jikkostitwixxix ksur suffiċjentement gravi tad-dritt tal-Unjoni [50], fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Biex tagħmel dan, hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni, fost l-oħrajn "iċ-ċarezza u l-preċiżjoni tar-regola miksura, in-natura intenzjonali jew involontarja tan-nuqqas imwettaq jew tad-dannu kkawżat, in-natura skużabbli jew le ta' żball ta' liġi eventwali, [u] il-fatt li l-attitudni ta' istituzzjoni Komunitarja setgħu jikkontribwixxu għall-adozzjoni jew għaż-żamma fis-seħħ ta' miżuri jew ta' prattiki nazzjonali li jmorru kontra d-dritt [tal-Unjoni]" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [51].

46 — Sentenza Evans, iċċitata iktar 'il fuq (punt 82 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 — Ara l-paġna 3 tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

48 — Sentenza tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame (C-46/93 u C-48/93, Ġabra p. I-1029, punti 32 u 35).

49 — Sentenza Evans, iċċitata iktar 'il fuq (punt 83 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 — *Ibidem* (punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 — *Ibidem* (punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65. Fl-aħħar nett, bla ħsara għall-osservanza tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, il-forma tal-kumpens għandha tiġi deċiża mill-ordinament ġuridiku nazzjonali ta' kull Stat Membru, sakemm dan ikun adegwat u effettiv[52]. Il-Qorti tal-Ġustizzja qalet ukoll li, sabiex jiġi ddeterminat id-dannu li għandu jitħallas kumpens għalih, il-qorti nazzjonali tista' tivverifika jekk il-persuna li sofriet id-dannu wrietx diliġenza raġonevoli biex tevita d-dannu jew biex tillimita d-dimensjonijiet tiegħu[53]. Dan l-element ta' evalwazzjoni jista' jkun utli għall-qorti tar-rinviju fid-dawl tal-forma partikolari li biha ġiet ikkostitwita l-kumpannija tal-assigurazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali u fid-dawl tar-rwol li għandhom il-persuni assigurati fil-ġestjoni tagħha.

## V – Konklużjoni

66. Fid-dawl tar-raġunijiet preċedenti kollha, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi magħmula mill-Fővárosi Bíróság:

"1) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE, tal-24 ta' April 1972, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà, u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 84/5/KEE, tat-30 ta' Diċembru 1983, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur, ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li l-korp stabbilit fuq il-livell nazzjonali abbażi tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 84/5 ma jkunx obbligat jintervjeni f'każ ta' danni kkawżati minn vettura koperta minn polza tal-assigurazzjoni magħmula ma' assiguratur insolventi.

2) Ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeċiedi, fil-kuntest tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari, dwar il-kompatibbiltà ta' dispożizzjonijiet legali nazzjonali mad-dispożizzjonijiet legali tal-Unjoni, billi l-Qorti tal-Ġustizzja tillimita l-eżami tagħha għad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni filwaqt li tinterpretahom b'mod li jkun utli għall-qorti tar-rinviju, li min-naħa tagħha għandha tevalwa, *in fine*, il-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni mad-dritt tal-Unjoni sabiex tiddeċiedi l-kawża prinċipali pendenti quddiemha."

52 — Sentenza Brasserie du pêcheur u Factortame, iċċitata iktar 'il fuq (punti 82 u 83).

53 — *Ibidem* (punti 84 u 85).